MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 779/1993/1

**Joseph Pitre`**

**v.**

**Anthony Muscat**

**Il-Qorti:**

**<u>I IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jithallas il-bilanc tal-prezz ta' magna kif ukoll irham mibjughin u konsenjati lill-konvenut. Dan, min-naha tieghu, kkontesta t-talba ta' l-attur bazikament ghax allega li l-magna ma tistax tahdem u inoltre li l-attur kien qed jippretendi li jithallas il-valur ta' materjal ta' irham li huwa kellu jiehu lura minghand il-konvenut.

2. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat is-sentenza taghha fit-2 ta' Gunju, 2005. Wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, hija laqghet it-talbiet ta' l-attur. Is-sentenza shiha hija din:
"Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fl-10 ta' Gunju, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

"Il-konvenut hu debitur ta' l-attur fis-somma ta' hamest elef mitejn u tlieta u sebghin Liri Maltin, tnax-il centezmu u erba' millezmi (Lm5,273.12c4), bilanc lilu dovut fuq bejgh ta' merkanzija u magna ta' l-irham lilu supplita u kkonsenjata, u dan skond *Statement of Account* hawn anness u mmarkat Dok. A;

"Il-konvenut ghalkemm diversi drabi interpellat biex ihallas dan l-ammont minnu dovut, baqa' inadempjenti;

"Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tikkundannah li jhallas lill-attur is-somma ta' hamest elef, mitejn u tlieta u sebghin Lira Maltin, tnax il-centezmu u erba' millezmi (Lm5,273.12c4) bilanc minnu dovut fuq bejgh ta' merkanzija u magna ta' l-irham lilu suppliti u kkonsenjati kif fuq premess.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' April, 1992, u tal-Mandati kawtelatorji numri 2367/93; 2368/93 u 2369/93, u interessi legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha hu eccepixxa illi:

"1. *Kwantu* ghall-magna ta' l-irham indikata mill-attur u supplita lill-eccipjent, l-istess eccipjent ighid illi filwaqt li din il-magna *"second-hand"* giet supplita lilu bil-patt espress li

tahdem tajjeb u bl-obbligu *da parti* ta' l-attur li jekk dan ma jirrizultax allura huwa jirrendiha fi stat li tahdem tajjeb, irrizulta fil-fatt li l-magna ma tistax tahdem u minkejja dan, l-attur naqas li jaghmel dak li huwa mehtieg biex effettivament igibha tahdem tajjeb.

"2. L-parti l-ohra ta' l-ammont bilancjali pretiz mill-attur mhix dovuta lilu billi, fost ragunijiet ohrajn, huwa qed jippretendi li jithallas il-valur ta' materjal ta' irham li huwa kellu jiehu lura minghand l-eccipjent.

"3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru, 1993, li in forza taghha inhatar Dr. Marco Griscti bhala perit legali sabiex jirrelata fuq il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 1998, li in forza taghha inhatru bhala periti teknici, s-Sinjuri Paul Gladwish u Paul Cardona biex jassistu lill-perit legali;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Settembru, 1999, li in forza tieghu Dr. Nives Grixti giet sostitwita ghal-perit legali Dr. Marco Griscti;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar, 2003, li in forza tieghu gie revokat l-inkarigu moghti lill-periti teknici, s-Sinjuri Paul Gladwish u Paul Cardona, u gew sostitwiti bl-AIC Godwin Abela, biex jassisti lill-perit legali;

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' April, 2003, li bis-sahha tieghu gie revokat l-inkarigu tal-perit legali; bl-istess digriet il-Qorti ordnat li l-inkarigu moghti f'din il-kawza jitkompla mill-perit tekniku biss;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

"Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehedu quddiem il-periti gudizzjarji;

"Rat ir-rapport ippresentat mill-perit tekniku fil-21 ta' Jannar, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tas-27 ta' Jannar, 2004;

"Rat in-nota tal-konvenut tas-6 ta' Frar, 2004, li biha talab il-hatra ta' periti addizzjonali;

"Rat li l-konvenut ma baqax jinsisti fuq din it-talba u *kwindi* ghandha titqies li giet rinunzjata;

"Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Frar, 2004, fejn gie verbalizat li z-zewg partijiet xtaqu jeskutu lill-perit tekniku, u l-partijiet gew ordnati sabiex jipprezentaw b'nota fir-registru d-domandi li huma jixtiequ jaghmlu lill-perit tekniku;

"Rat id-domandi imressqa mill-partijiet, tal-konvenut bin-nota tat-23 ta' April, 2004, u tal-attur bin-nota tat-18 ta' Mejju, 2004;

"Rat ir-risposti li gew ippresentati mill-perit tekniku, dawk *in risposta* ghad-domandi tal-konvenut, fl-10 ta' Mejju, 2004, u dawk in risposta ghad-domandi tal-attur, fil-15 ta' Gunju, 2004;

"Rat li dawn ir-risposti gew ikkonfermati mill-perit tekniku fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2004;

"Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-22 ta' Gunju, 2004, li in forza tieghu l-process gie rimess lill-perit tekniku sabiex jaccedi fuq il-post u jkejjel l-irham tal-art, u jressaq rapport ulterjuri;

"Rat ir-rapport ulterjuri ippresentat mill-perit tekniku fl-14 ta' Ottubru, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru, 2004;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"F'din il-kawza, l-attur biegh lill-konvenut magna tal-irham (*grinding and polishing machine)* sekonda *man* u konsenja irham. Dwar il-magna, l-attur gabha minn Sqallija, u meta l-konvenut wasal biex juzha sab li l-*housing* tal-*gearbox* kien maqsum. L-attur, flimkien ma ufficcjali tal-kumpanija esportatrici, marru jezaminaw il-magna u wara li kkonfermaw din il-hsara, l-ufficjali taljani offrew li jekk il-konvenut jaqla' l-parti miksura, huma jiehdu hsieb li ssir it-tiswija. Peress li l-konvenut ma riedx li jkollu dik il-parti msewwija, hu ma accettax din l-offerta, izda baqa' jzomm ghandu l-magna, ghalkemm qatt ma uzaha. Din il-hsara fuq il-magna giet notata ferm wara l-konsenja, u biss wara li ngarret mill-konvenut mill-Fgura, fejn kien ha konsenja, lejn Hal-Qormi.

"Fuq din il-kwistjoni, il-Qorti tirrileva li kif intqal fil-kawza "Attard vs Mifsud", decisa min din il-Qorti fid-9 ta' Lulju, 1991, f'kaz ta' oggett sekonda *man*, ma tezisti ebda garanzija ghal xi difetti li jkunu rizultat ta' *wear and tear* jew li jkunu konsegwenza tal-uzu tal-oggett. Il-Qorti, fl-istess sentenza, sahhet fuq l-obbligu tax-xerrej li jezamina l-kundizzjoni tal-oggett li jixtri, u li jippruvaha biex jara li, fil-mument tal-vendita, l-oggett mixtri kien funzjonabbli. Dan, jirrizulta, l-konvenut m'ghamlux. Ma talabx li l-magna tigi kkommissjonata mill-attur, izda hallieha fil-*garage* tieghu u pprova juzaha biss wara li kien gar il-magna mill-Fgura ghal-Hal-Qormi; kien hemm li sab li l-*housing* tal-*gearbox* kien maqsum. Mhux eskluz li l-hsara setghet grat fil-*handling* tal-magna meta din ingarret ghal-Hal-Qormi.

"Aktar minn dan, gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jeskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, fil-waqt li jibqa' jzomm il-haga,

jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita` miftiehma jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, *pero*`, irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita` inferjuri jew hsara biss wara li jigi azjonat ghal-hlas.

"L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Attard vs Direttur tal-Edukazzjoni", decisa fl-4 ta' Novembru, 1992, qalet li kompratur li jibqa' jzomm l-oggett wara li jinduna li l-istess oggett kien bil-hsara, irid xorta wahda jhallas il-prezz kollu ta' dak l-oggett. Dan il-principju gie enuncjat f'diversi kawzi ohra, fosthom "Borg vs Xuereb", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 1989, u "Schembri vs Abela", decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2000. L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef vs Sullivan", osservat li jekk ix-xerrej izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita` pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Busietta vs Borg Cardona", decisa fis-6 ta' Ottubru, 2000, kienet osservat illi li wiehed izomm ghandu l-oggett *in vendita* mhux agir konsistenti ma azjoni intiza biex thassar dan il-bejgh. Fil-kawza "Buffa et vs Roger Satariano and Sons Ltd", decisa minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 1997, intqal li f'kaz ta' hsara jew difett f'oggett mibjugh, *"ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni".*

"Il-konvenut, f'dan il-kaz, zamm il-magna ghandu u ghalkemm irrifjuta offerta biex tissewwa l-hsara, ma intimax lill-attur biex jiehu lura l-magna u baqa' ma ha ebda passi biex jikawtela d-drittijiet tieghu.

"Il-konvenut donnu qed jippretendi li m'ghandux ihallas il-prezz tal-magna, qabel mal-attur *"jaghmel dak li hu mehtieg biex effettivament igibha tahdem tajjeb"*, izda kif

qalet din il-Qorti fil-kawza "Scifo Diamantino vs Meridian Enterprises Co. Ltd", decisa fit-13 ta' Frar, 2003, f'kaz ta' difetti jew hsarat, l-unici rimedji huma dawk li tipprovdi l-ligi, u mhux permess ghax-xerrej li jagixxi billi jitlob l-irrangar jew is-sostituzzjoni tal-parti difettuza.

"Fuq kollox, kif spjega l-perit tekniku, il-hsara kienet biss fil-*housing* jew *cover* tal-*gearbox*, u din il-hsara ma kienetx tali li ma tippermettix l-immuntar tal-magna u t-thaddim bi prova tal-istess. Dan il-*cover* seta' facilment jigi msewwi jew mibdul, u l-perit tekniku qies li dawn huma *parts* li wara certu *wear and tear*, normali li jigu msewwija jew mibdula. L-istess opinjoni esprima l-perit tekniku fir-rigward ta' xi *bush* fix-xaft li minnha wkoll ilmenta l-konvenut. Fil-fatt, kif irrelata wkoll il-perit tekniku, mhux normali li magna bhal din tithalla wieqfa minhabba xi tiswijiet minuri. Jidher li l-konvenut kellu xi motiv ulterjuri ghala ma riedx juza l-magna, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Russo vs VCIM Co. Ltd", decisa fit-28 ta' Gunju, 2002, meta l-allegat difett ma jkunx ta' certu gravita`, ix-xerrej m'ghandux japprofitta ruhu mill-istess biex ma jhallas il-prezz tal-oggett. Ahseb u ara f'dan il-kaz, meta l-ilmenti huma rizultat *"normali"* ta' *wear and tear*, u *kwindi* permessibbli f'kaz ta' bejgh ta' oggett sekonda *man*.

"Il-Qorti ma tarax l-anqas, li ghandu jkun hemm xi tnaqqis fil-prezz miftiehem, u dan ghax, kif intwera, darba li x-xerrej zamm ghandu l-oggett u ma ipprofittax ruhu mir-rimedji li taghtih il-ligi, il-prezz kollu patwit irid jithallas. *Kwindi* l-prezz patwit ghal-magna ta' Lm4,583.33c4 irid jithallas mill-konvenut lill-attur.

"Fuq il-konsenja tal-irham, jidher li saru zewg konsenji, wahda ta' irham tat-tip *Calacatta*, u l-ohra ta' irham tat-tip *Perlato Classico*. Dwar l-ewwel tip ta' irham, mhux kontestat li l-konsenja saret ghand il-konvenut u intuza minnu f'appalt li wettaq fuq inkarigu ta' terza persuna. Il-konvenut jallega li din it-terza persuna kienet qaltlu li ghal xogholu kien se jhallsu l-attur; il-konvenut ma ivverifikax il-veracita` ta' din l-allegazzjoni ma l-istess attur u qaghad biss fuq dak li qaltlu t-terza persuna. Il-konvenut ma ipproduciex lil dik it-terza persuna biex tixhed, u *kwindi*, fl-

isfond ta' kontestazzjoni mill-attur ta' din l-allegazzjoni, l-Qorti ma tarax kif tista' taccetta t-talba tal-konvenut li mill-prezz tal-irham dovut lill-attur ghandu jsir tnaqqis ghax-xoghol li hu wettaq lit-terza persuna. Dan apparti l-fatt, li l-konvenut qatt ma ressaq prova tal-ammont pretiz minnu ghax-xoghol minnu maghmul lil din it-terza persuna. L-irham *in kwistjoni*, kif inghad, gie konsenjat lill-konvenut li accetta l-konsenja tieghu, u, fil-fatt, parti minn din il-konsenja ghada f'idejn il-konvenut li baqa' jzomm l-istess irham fil-mahzen tieghu. *Kwindi*, ghal din il-konsenja, il-hlas relattiv irid isir ukoll mill-konvenut.

"Dwar il-konsenja tal-irham tat-tip *Perlato Classico*, il-perit tekniku ikkonstata li nofs din il-konsenja kienet difettuza. Ghal darba ohra, *pero*`, il-konvenut zamm il-merkanzija ghandu u ma ha ebda passi rimedjali kif taghtih il-ligi. Il-perit tekniku indika wkoll li d-difetti fl-irham kienu vizzibbli u facilment identifikabbli, *pero*`, il-konvenut mhux biss accetta l-konsenja izda baqa, ghal-dawn is-snin kollha, izomm l-merkanzija fil-mahzen tieghu, u minghajr, milli jidher, ma ha certi prekawzjonijiet biex tigi evitata hsara ulterjuri lill-istess irham. Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, jekk il-kompratur, f'kaz ta' difetti li ma jidhrux, ma jkunx iddeduca permezz ta' azzjoni specifika l-azjoni redhibitorja jew l-azjoni aestinatorja fit-termini stabbilit fl-artikolu 1431 tal-Kodici Civili, allura hu ma jistax jallega l-vizzju okkult, permezz ta' eccezzjoni (ara, f'dan is-sens, *oltre* l-gurisprudenza gia kwotata, <u>"Tabone vs Cesareo"</u>, decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1965, u <u>"Apex Interiors Ltd. vs Camilleri"</u>, decisa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Gunju, 2003).

"Il-konvenut naqas meta, kemm fil-kaz tal-magna tal-irham, kif ukoll fil-kaz tal-irham tat-tip *Perlato Classico*, huwa baqa' jzomm l-oggetti ghandu anke wara li skopra l-hsarat u d-difetti lamentati, u *kwindi* tilef, bl-agir tieghu stess, kull rimedju li seta' kellu fir-rigward. Dan qed jinghad bla hsara ta' cirkustanzi ohra li jdajfu, jekk mhux sahansitra jeskludu ghal-kollox, il-pretensjonijiet tal-konvenuti, u *cioe*`, li ma giex eskluz li l-hsara fil-magna li kienet wahda minima, setghet grat waqt it-traggit mill-*garage* ghal-fabbrika tal-konvenut, u li d-difetti fl-irham

kienu, fuq kollox, *"vizzibbli u facilment identifikabbli"*, u, *kwindi*, ma kienux difetti mohbija.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u wara li tilqa' t-talba attrici tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm5,273.12c4 (hames t'elef, mitejn u tlieta u sebghin lira, tnax il-centezmu u erba' millezmi), bilanc minnu dovut fuq bejgh ta' merkanzija u magna tal-irham lilu konsenjati, bl-imghax legali mit-8 ta' Lulju, 1993 (data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni) sal-pagament effettiv.

"L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut."

**II L-APPELL**

3. Billi l-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza huwa appella minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell prezentat fit-22 ta' Gunju, 2005. Hemmhekk, il-konvenut issa appellant, ressaq dettaljatament l-aggravji tieghu, u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement takkolji l-eccezzjonijiet ta' l-istess appellant.

4. L-attur ikkontesta l-appell b'risposta prezentata minnu fil-25 ta' Awissu, 2005. F'din ir-risposta huwa rribatta dak kollu kontenut fir-rikors ta' l-appell, sahaq li s-sentenza kienet gusta u timmerita konferma, u ghalhekk talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-aggravji tal-konvenuti appellant, bl-ispejjez.

5. Fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2008, dehru l-partijiet assistiti u huma rrimettew ruhhom ghall-atti. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-25 ta' April, 2008.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Irrizulta li bejn Ottubru tas-sena 1988 u bejn Gunju tas-sena 1990, il-konvenut xtara diversi partiti ta' irham minghand l-attur. Irrizulta wkoll li fis-17 ta' Jannar 1990, xtara wkoll minghand l-attur magna sekonda man li tobrox u tillostra l-irham u dan ghall-prezz ta' erbat elef u hames

mija u tlieta u tmenin lira Maltija, tlieta u tletin centezmu u erba' millezmi (Lm4,583.33c4). L-attur stess xehed li anke qabel is-sena 1988, kien ilu jinnegozja mal-konvenut u jidher li r-relazzjonijiet bejniethom kienu tajbin. Jirrizulta wkoll mill-prospett esebit a fol. 5, 6 u 7 tal-process li bejn il-kontendenti kien qed isir negozju konsiderevoli u l-ahhar pagament akkont da parti tal-konvenut sar fl-4 ta' Lulju 1991, meta hallas elf u hames mitt lira (Lm1,500) biex b'hekk baqa' dovut, skond l-istess prospett il-bilanc mitlub fl-att tac-citazzjoni u cioe` s-somma ta' hamest elef mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija, tnax-il centezmu u erba' millezmi (Lm5,273.12c4).

7. L-ewwel Qorti, bis-sentenza appellata, laqghet it-talba ta' l-attur, ikkundannat lill-konvenut ihallas l-imsemmija somma bl-imghaxijiet u l-ispejjez, wara li cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut.

8. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jghid li l-aggravju ewlieni tieghu jikkoncerna dak li nghad fis-sentenza appellata dwar il-magna ta' l-irham li giet supplita mill-attur lilu. L-appellant issottometta li l-attur innifsu ammetta bix-xhieda li ta (ara fol. 90) li l-magna in kwistjoni kienet inbieghet bil-patt espress li tkun tista' tahdem. L-appellant issottometta li in vista ta' dan il-patt espress, ma kienx il-kaz li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata tirrileva l-eskluzjoni ta' kull garanzija fil-bejgh ta' oggett sekonda man, ghal difetti li jkunu rizultat ta' uzu, cioe` *wear and tear*, kif lanqas ma kien il-kaz li jigi rilevat illi l-unici rimedji li kienu disponibbli ghall-konvenut kienu dawk li tipprovdi l-ligi, u cioe` l-azzjoni redibitorja jew estimatorja, inkella dik bazata fuq il-kwalita` pattwita ta' l-oggett supplit. L-appellant jissottolineja li ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi u wisq anqas li jipprojbixxi li tigi pattwita bejn il-partijiet kontraenti xorta ta' garanzija li tkun "*over and above*" il-garanziji jew rimedji provduti fil-ligi stess.

9. Aktar minn hekk, l-appellant zied jghid li billi l-bejgh tal-magna kien assoggettat ghall-kondizzjoni li hija tkun tahdem, allura tali kondizzjoni kellha strettament tavvera ruhha biex ikun jista' jinghad li l-bejgh gie perfezzjonat. L-appellant zied jghid li l-attur kellu obbligu preciz li juri li l-

magna kienet tahdem irrispettivament mill-entita` tal-hsara ezistenti fiha. Hawnhekk l-appellant irrefera ghal dak li qal il-perit tekniku fir-rapport tieghu meta qal illi skond "il-prattika normali" fil-kaz ta' bejgh ta' apparat jew makkinarju dan "jithaddem jew jigi 'commissioned' minn min qieghed ibieghu". L-appellant irrefera ghax-xhieda ta' l-attur a fol. 91 fejn huwa jistqarr li "mhux probabbli li offrejna li nhadmuha l-magna. Ahna offrejna biss li nibdlu 'il-*part*'".

10. Kwantu ghall-konsenja li saret mill-attur ta' l-irham Calacatta u Perlato, l-appellant issottometta biss li fl-isfond tar-rapporti kummercjali tajbin li gie ppruvat li kellhom il-partijiet bejniethom, u wkoll meta rrizulta li l-appellant kien qal il-verita` dwar x'kien il-ftehim ghar-rigward tal-magna, ma kienx il-kaz illi l-intendiment dwar tali irham li xehed dwaru l-konvenut, jigi skartat, kif fil-fatt gie skartat, mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

11. Din il-Qorti tikkondividi dak li qal l-appellant li meta huwa xtara l-magna ta' l-irham sekonda man in kwistjoni, din kellha tkun funzjonabbli u cioe` tahdem ghall-iskop li kienet intiza ghalih. Dan il-fatt accettah ukoll l-attur fix-xhieda tieghu.

12. Irrizulta li d-disgwid bejn il-partijiet beda meta l-konvenut skopra li l-*housing* tal-*gearbox* tal-magna in kwistjoni kienet maqsuma jew "*cracked*". Irrizulta mir-rapport tal-perit tekniku li din hija hsara minima li tista' tissewwa jew inkella dan il-*housing* tal-*gearbox* jigi sostitwit b'parti gdida. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur li kienet saret proposta f'dan is-sens da parti tal-proprjetarju precedenti tal-magna cioe` t-Taljan Incremona, li ghamel din l-offerta bla pregudizzju, izda rrizulta li l-konvenut qatt ma accetta din l-istess offerta. Irrizulta li l-magna kienet twasslet mill-attur u tpoggiet f'garaxx tal-konvenut fil-Fgura fejn, damet ghal kwazi sentejn minghajr qatt ma giet immontata jew imhaddma. Sadanittant ebda hsara ma giet riskontrata mill-konvenut f'din il-magna. Jirrizulta mix-xhieda li ta l-konvenut, u li t-traskrizzjoni taghha tinsab a fol. 97 tal-process, li wara li xi sentejn li l-magna thalliet il-Fgura, huwa ddecieda li jgorr

din il-magna mill-Fgura ghall-post li kellu f'Hal Qormi biex jarmaha hemmhekk. Kompla jghid hekk:-
"Sakemm sar hekk, damet sentejn fil-Fgura u hemmhekk qatt ma wzajtha. Meta garrejt mill-Fgura ghal Hal Qormi, il-burdnar waqt li kien qed jorbot biex jerfaghha, qalli li kellha l-*housing* tal-*gearbox* maqsum. Il-*gearbox* tidher sewwa. Hal Qormi pero` hadtha xorta u mort nghid lill-attur.

Gie jaraha flimkien ma' zewg Taljani, waqt li kienu hemm, l-attur qalli biex inholl l-housing tal-*gearbox* u nibghatielu l-post tieghu u jgibli *cover* iehor. Jiena ghidtlu li ma ridtx li tigi *braised*.

F'temp ta' ftit sekondi pero`, ghaliex ma nafx, l-attur infexx jghajjarni u jien iddecidejt li ma naghtix kaz jekk irid jara hu x'jaghmel ghax dik kienet hwejjgu u hu ried jithallas." (sottolinear ta' din il-Qorti)

A fol. 91 l-attur xehed hekk:
"Jiena cert li l-*gearbox* inkissret bil-*handling* u cert li ma kenitx miksura sakemm ikkonsenjajna l-magna. Jien kont uzajt nies li nqabbad solitament biex jikkonsenjaw il-magna. Il-magna giet mghobbija mill-Italja fuq *trailer* u jien rajtha titnizzel il-Fgura. Meta l-konvenut urieni l-ksur jiena ghidtlu la ma kenitx miksura fil-konsenja u Incremona offra li jibdel il-part ghalkemm il-ksur ma sarx minna."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant m'ghandux ragun dwar l-aggravji li ressaq dwar dak li qalet is-sentenza appellata fil-konfront ta' l-imsemmija magna ta' l-irham. Ibda biex jirrizulta b'mod mill-aktar car li hawn si tratta ta' difett li kien pjenament vizibbli u f'din ic-cirkostanza l-konvenut, biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu fil-konfront ta' dan id-difett li jidher, kellu jissenjalah mill-ewwel u fil-hin propizju u mhux jistenna sentejn wara li saret il-konsenja tal-magna. Inoltre, ghandu jigi osservat li kieku l-appellant ried jissalvagwardja sewwa d-drittijiet legali tieghu, huwa kien isejjah mill-ewwel lill-attur biex jigi jispezjona l-magna fil-Fgura stess, appena, skond ma xehed l-istess appellant, il-burdnar gibidlu l-attenzjoni bil-

qsim li kien hemm fil-*housing* tal-*gearbox* tal-magna. Apparti l-fatt li dan il-burdnar, li semma' il-konvenut, ma giex prodott biex jixhed, fil-fehma tal-Qorti kien nuqqas tal-konvenut li huwa xorta wahda inkariga lill-istess burdnar biex jghabbi l-magna u jittrasportaha mil-Fgura ghal Hal Qormi qabel ma din giet spezzjonata mill-attur mil-Fgura stess. Minhabba din ic-cirkostanza nqala' konflitt fil-provi dwar jekk il-hsara gratx waqt li l-magna kienet qed tigi trasportata mill-Fgura ghal Hal Qormi jew jekk din saritx qabel.

13. Ghalkemm irrizulta mill-provi li l-magna kellha tkun funzjonabbli cioe` li tista' tahdem, madanakollu ma rrizultax li dan kien kompitu li kellu jesegwih il-bejjiegh, cioe` ta' l-attur. Il-perit tekniku a fol. 119 tal-process, irrelata li skond ma jifhem huwa, kienet prattika normali li meta jinxtara apparat jew makkinarju ta' kwalsiasi tip, dan l-ewwel jigi spezzjonat minn *surveyor* espert, imbaghad jithaddem jew jigi commissioned mill-venditur. Irrelata wkoll li solitu jinghataw ukoll certi garanziji allavolja l-makkinarju jkun uzat u dan ghar-ragunijiet ta' polza ta' assigurazzjoni li tkun mehtiega ghall-fini ta' sigurta` fuq ix-xoghol waqt l-uzu ta' tali makkinarju. L-espert tekniku rrelata wkoll li il-konvenut naqas li jesigi dan kollu, u allura din il-Qorti tifhem li anke f'dan ir-rigward il-konvenut naqas li jissalvagwardja adegwatament id-drittijiet legali tieghu.

14. Jirrizulta li l-konvenut qatt ma talab lill-attur ihaddimlu l-magna u lanqas irrizulta li huwa stess ipprova jhaddem din il-magna, nonostante l-fatt li, skond ma rrelata l-istess perit tekniku, il-magna setghet tithaddem bi prova minkejja li kellha l-qasma fil-*housing* tal-*gearbox*. Fil-fatt, il-magna baqghet qatt ma thaddmet ghaliex hija nzammet zmontata mill-konvenut, u f'dan l-istat hadd mill-kontendenti ma seta' jipprova jhaddimha. L-offerta li saret lill-konvenut li l-*housing* tigi msewwija jew addirittura mibdula kienet proposta ragjonevoli u flokha u li kieku din giet accettata mill-konvenut, x'aktarx li din il-kawza ma kienet tigi qatt istitwita.

15. L-appellant accenna ghal difett iehor fil-magna, u cioe` li kien hemm bzonn li l-*bush* tax-*shaft* jinbidel.

Evidentement, din hija hsara dovuta ghal certu *wear and tear* u hija haga normali li tinstab f'magna li tinbiegh sekonda man. Jidher li l-fatt li x-*shaft* kellu bzonn *bush*, gie skopert mill-konvenut meta dan, wara xi zmien, kien inkariga lil Charles Attard, *surveyor*, biex jispezzjona lill-magna. Huwa sintomatiku fl-operat tal-konvenut li dan ix-xhud qatt ma tressaq biex jixhed f'din il-kawza.

16. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament xieraq u gust tal-provi akkwiziti fil-process dwar il-magna ta' l-irham in kwistjoni u waslet ghall-konkluzjoni gusta li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' it-talba ta' l-attur kontenuta fic-citazzjoni fir-rigward ta' din il-magna.

17. Kwantu ghall-konsenja li saret mill-attur ta' irham Calacatta u Perlato, l-appellant ippretenda li parti minn din il-konsenja kellha tittiehed lura mill-attur u li l-valur relattiv kellu jitnaqqas minn somma ta' flus dovuta lill-istess attur. Kif rajna l-ewwel Qorti ma laqghetx din il-pretensjoni tal-konvenut u fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant illimita ruhu li jghid li fl-isfond tar-rapporti kummercjali tajbin li kellhom il-partijiet bejniethom kif ukoll minhabba l-fatt li rrizulta li l-konvenut kien xehed il-verita` dwar x'kien ftiehem ghar-rigward tal-magna, ma kienx il-kaz illi l-intendiment dwar tali rham li xehed dwaru l-konvenut jigi skartat mill-ewwel Qorti kif fil-fatt sar fis-sentenza appellata. Certament dan l-allegat "intendiment" ma rrizultax sodisfacentement.

18. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, anke f'dan ir-rigward, cioe` ta' l-irham Calacatta u Perlato, is-sentenza appellata tikkontjeni apprezzament gust tal-provi relattivi u tal-konsiderazzjonijiet legali li jaghmlu ghal kaz u ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni valida li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti jew li distakka ruhha mill-principji legali li jissemmew fis-sentenza appellata. Konsegwentement, m'hemmx lok li din il-Qorti tirrevoka jew tvarja s-sentenza appellata.

19. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu wkoll a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------